**TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**(GHAWDEX)**

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Gimgha, 7 ta' Ottubru 2016

Avviz Numru 30/2016

Blumerang Creative Hub Limited

vs

The Big Discount Code. Com Limited

It-Tribunal,

Ra' l-Avviz li permezz tieghu l-kumpanija tablet illi tithallas minn ghand il-kumpanija konvenuta s-somma ta' tlett elef, tlett mija u sittax il-ewro u sebgha u disghin centezmu (€ 3316.97) import ta' servizzi u spejjes in konnessjoni ma servizzi ta' reklamar rezi. Bl-ispejjes nkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali msemmija u bl-imghax.

Ra' l-atti kollha.

Ra' illi minkejja li l-kumpanija konvenuta giet notifikata bl-avviz tat-talba u dak tas-smigh (riferta tergo fol.9) hija baqghet ma prezentatx risposta fi zmien li trid il-ligi u l-anqas deher hadd ghaliha fis-seduta biex jikkontesta t-talbiet attrici.

Sema lir-rapprezentant tal-kumpanija attrici bil-gurament.

Ra’ d-digriet tas-16 ta’ Settembru 2016 illi permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi r-raprezentant tal-kumpanija attrici ikkonfermat illi d-debitu baqa’ ma thallasx. Id-debitu kien wiehed relatat ma servizzi ta’ reklamar.

Illi min naha l-ohra minkejja li l-kumpanija konvenuta giet notifikata bl-avviz tat-talba u dak tas-smigh (riferta tergo fol.9) hija baqghet ma prezentatx risposta fi zmien li trid il-ligi u l-anqas deher hadd ghaliha fis-seduta biex jikkontesta t-talbiet attrici. Ghalhekk ma ngabet l-ebda eccezzjoni fil-mertu kontra t-talba attrici li fic-cirkostanzi timmerita l-akkoljiment.

Dwar l-ispejjes jinghad illi l-ittra ufficjali de quo ma gietx esebita u ghalhekk l-ispejjes ta’ din ma jistghux jigu nkluzi fil-kap ta’ l-ispejjes.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici, jikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ tlett elef, tlett mija u sittax il-ewro u sebgha u disghin centezmu (€ 3316.97). Bl-imghax mid-data ta’ dan l-avviz il-quddiem.

Bl-ispejjez kollha, minbarra dawk ta’ l-ittra ufficcjali kontra l-kumpanija konvenuta.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur